



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Marzu 2024
(OR. en)

6178/24
ADD 1 REV 1

FIN 117
PE-L 2
INST 43

RAPPORT

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2025
	– <i>Approvazzjoni</i>
	– <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR IL-LINJI GWIDA BAĠITARJI GĦALL-2025

1. Il-Kunsill jissottolinja li l-baġit tal-UE għall-2025 għandu rwol ewlieni fl-iżvilupp u t-twettiq tal-oġġettivi fit-tul u l-prijoritajiet politiċi maqbula mill-Unjoni. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-istituzzjonijiet kollha jieħdu kont debitu tal-elementi rilevanti kollha inklużi fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Frar 2024¹.
2. Fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna li għadha għaddejja, il-Kunsill jikkonferma mill-ġdid li l-Unjoni Ewropea għadha impenjata li ttipprovdi, flimkien mas-sħab, għajnuna finanzjarja lill-Ukrajna, sakemm ikun hemm bżonn, u tappoġġa r-reżiljenza u r-rikostruzzjoni dejjiema tagħha. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-baġit għall-2025 ikompli juri s-solidarjetà tal-Unjoni mal-poplu tal-Ukrajna u jwieġeb għall-kriżijiet relatati.
3. Il-Kunsill ifakkar fil-prinċipju ta' solidarjetà u jissottolinja li l-użu effikaċi tal-baġit tal-UE ser isaħħaħ il-kredibbiltà tal-Unjoni maċ-ċittadini Ewropej.
4. Il-Kunsill itenni li l-baġit jenħtieġ li jiġi stabbilit skont il-prinċipji baġitarji li jinsabu fir-Regolament Finanzjarju², partikolarment il-prinċipji ta' unità, annwalità, ġestjoni finanzjarja tajba u trasparenza.

¹ Dok. EUCO 2/24.

² Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), kif emendat bir-Regolament 2022/2434 (ĠU L 319, 13.12.2022, p. 1).

5. Il-Kunsill iqis li l-baġit għall-2025 għandu jkun realistiku, f'konformità mal-ħtiġijiet attwali, jiżgura bbaġitjar prudenti u, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII)³, iħalli marġini suffiċjenti taħt il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) biex jiġu ttrattati ċirkostanzi mhux previsti u jiġu indirizzati l-isfidi tal-Unjoni. Fl-istess ħin, il-baġit għall-2025 għandu jipprevedi biżżejjed riżorsi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni u biex l-impenji li diġà saru taħt il-QFP attwali jkunu jistgħu jitħallsu fi żmien debitu. Għal dan il-għan, jekk ikun meħtieġ u f'każijiet debitament ġustifikati, wara l-implimentazzjoni tar-riallokazzjonijiet kollha possibbli fil-baġit, għandhom jiġu żgurati approprjazzjonijiet adegwati permezz tal-użu ta' flessibbiltajiet disponibbli, sabiex tiġi evitata kwalunkwe pretensjoni mhux imħallsa ppreżentata mill-Istati Membri. Il-livell ta' impenji pendenti (RAL) għandu jiġi ssorveljat kontinwament biex ix-xogħol ma jaqax wisq lura.
6. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tallinja l-abbozz ta' baġit għall-2025 mal-ftehim dwar il-QFP rivedut 2021-2027, kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Frar 2024. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tidentifika r-riallokazzjonijiet meħtieġa għall-finanzjament tal-prijoritajiet stabbiliti fil-QFP 2021-2027 rivedut, kif ukoll id-diżimpenji li qed jerġgħu jsiru disponibbli. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tqis u tirrifletti fl-abbozz ta' baġit għall-2025 l-prijoritajiet kollha maqbula b'mod komuni, inkluż il-migrazzjoni, b'kont meħud tal-bilanċ bejn l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament u l-iżgurar ta' biżżejjed finanzjament għar-riżerva tal-NDICI. Id-diżimpenji użati mill-ġdid fi ħdan l-NDICI u l-IPA, kif ukoll l-ammonti lliberati bħala riżultat tal-inklużjoni fil-Faċilità tal-Ukrajna tal-ispiża tal-appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna deċiżi fl-2022 għandhom jappoġġaw il-prijoritajiet il-ġodda identifikati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew.

³ Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28).

7. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni jirrispettaw l-elementi kollha tal-QFP rivedut 2021-2027 u jikkonformaw magħhom meta jistabbilixxu u jimplimentaw il-baġit għall-2025.
8. Barra minn hekk, il-Kunsill jissottolinja li d-dixxiplina baġitarja għandha tinżamm mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu bbaġitjati biss l-elementi tan-nefqa meqjusa meħtieġa. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li l-Kummissjoni tonora l-assigurazzjonijiet preċedenti mogħtija fir-rigward ta' dak li huwa meqjus meħtieġ. Barra minn hekk, il-Kunsill jirrimarka li l-ammonti addizzjonali inklużi fil-baġit, pereżempju mill-użu mill-ġdid tad-diżimpenji skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju, għandhom ikunu kompletament konformi u limitati għall-ftehim dwar il-QFP rivedut 2021-2027.
9. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-limitu massimu għall-intestatura 7 tal-QFP 2021-2027 huwa bbażat fuq il-premessa li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni jadottaw approċċ komprensiv u strett biex jiġi żgurat li r-riżorsi tal-persunal jiġu ottimizzati fir-rigward tal-prinċipju stabbli tal-persunal, kif ukoll għall-kisba ta' titjib fl-effiċjenza fin-nefqa amministrattiva mhux relatata mas-salarji. Diversi snin ta' żidiet fil-livelli tal-persunal, partikolarment tal-Parlament Ewropew iżda wkoll ta' xi istituzzjonijiet oħra, qed idgħajfu l-bilanċ istituzzjonali u jpoġġu l-intestatura 7 taħt pressjoni sinifikanti. Din il-pressjoni qed tiġi amplifikata bil-metodu applikabbi ta' aġġornamenti awtomatiċi tas-salarji u l-bidliet ġenerali fil-prezz fl-ambjent inflazzjonarju li għadu għaddej. Il-Kunsill għalhekk ikompli jappoġġa approċċ komuni biex jillimita dik l-intestatura u jappella lill-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni biex jadottaw politika tal-bini prudenti. Fejn xieraq, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa jappella lill-Kummissjoni biex teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Artikolu 314(1) TFUE. F'dan il-kuntest, il-Kunsill itenni t-talba tiegħu (li diġà għamel fl-2022) lill-Kummissjoni, biex tippreżenta, u mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tagħha, f'konformità mal-Artikolu 241 TFUE, miżuri effettivi biex jiġi żgurat li l-limiti massimi attwali tal-intestatura 7 tal-QFP ma jinqabżux u li l-istrumenti speċjali ma jiġux mobilizzati għal din l-intestatura. Din it-talba għandha tiġi indirizzata fi skeda ta' żmien kompatibbli man-negozjati tal-baġit għall-2025, u hu x'inhu l-każ qabel l-1 ta' Ġunju 2024.

10. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-preċiżjoni akbar fuq perjodu twil ta' żmien tat-tbassir⁴ tal-Istati Membri meta tistma l-livell ta' pagamenti fl-abbozz ta' baġit. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għall-prevedibbiltà kemm tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-Unjoni kif ukoll tal-pagamenti mill-baġit tal-Unjoni lill-Istati Membri, filwaqt li jfakkar li baġitjar preċiż jevita sfidi mhux mixtieqa għall-baġits nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni ttiprovdi b'mod trasparenti tbassir preċiż u affidabbli tad-dħul kollu, inkluż rimborżi, multi u l-ammont annwali pagabbli mir-Renju Unit fl-2025 f'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ⁵, li ser jippermetti żmien biżżejjed lill-Istati Membri biex jivvalutaw il-kontribuzzjoni mistennija minnhom għall-baġit tal-Unjoni.
11. Il-Kunsill jissottolinja li l-għodod baġitarji korrettivi, bħall-baġits emendatorji, għandhom jinżammu sal-minimu ġustifikat, jiġu introdotti fi żmien biżżejjed biex ikun possibbli eżami xieraq u biex jiġi evitat tfixkil fil-funzjonament tal-programmi tal-Unjoni, u għandhom jiġu ffinanzjati primarjament minn riallokazzjonijiet. B'mod partikolari, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-abbozzi ta' baġits emendatorji bbażati fuq id-dħul separatament, u mingħajr dewmien, hekk kif l-informazzjoni rilevanti ssir disponibbli. Il-Kunsill għadu impenjat ferm li jieħu pożizzjoni dwar abbozzi ta' baġits emendatorji malajr kemm jista' jkun.
12. Sabiex il-parlamenti nazzjonali jkollhom biżżejjed żmien biex iwettqu skrutinju dettaljat u biex il-Kunsill iħejji bir-reqqa l-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-abbozz ta' baġit għall-2025 mill-aktar fis possibbli, u preferibbilment sat-22 ġimgħa. Iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex kontinwament ittejjeb il-kontenut tad-dokumenti baġitarji tagħha billi tagħmilhom aktar sempliċi, konċiżi u trasparenti u biex tiżgura li l-aktar data reċenti tkun disponibbli. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi, frizerva, approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament previsti għal atti legali ġodda jew emendi għal atti legali eżistenti li għadhom mhumieq adottati, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

⁴ Kif irrappurtat fit-Tabella 1 tal-ħarsa ġenerali tal-Politika ta' Koeżjoni u l-previżjonijiet tal-Istati Membri tat-13 ta' April 2023 (WK 4778/2023).

⁵ Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

13. Barra minn hekk, il-Kunsill iheggegħ lill-Kummissjoni biex mal-abbozz tal-baġit tqiegħed s-sett komplut ta' dokumenti applikabbli elenkati fl-Artikolu 41 tar-Regolament Finanzjarju. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi trasparenza u viżibbiltà sħiħa tal-fondi kollha taħt l-EURI billi ttipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha f'waqtha, inkluż tabelli sommarji dwar l-appropriazzjonijiet baġitarji, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn kif għandhom jiġu ffinanzjati l-ammonti żejda tal-ispejjeż tal-pagamenti tal-imgħax tal-EURI mill-2025 sal-2027 f'konformità mal-QFP 2021-2027 rivedut.
14. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tinforma regolarment lill-Istati Membri dwar id-dħul assenjat imdaħħal fil-baġit, inkluż mill-EURI u mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit⁶, u biex tikkonforma mal-obbligi tagħha fir-Regolament Finanzjarju fir-rigward ta' dħul assenjat ieħor allokat għal ċerti programmi skont il-ftehim dwar il-QFP 2021-2027.
15. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tat-trasparenza dwar il-kostijiet ta' finanzjament tal-EURI u tal-assistenza finanzjarja msemija fl-Artikolu 220a tar-Regolament Finanzjarju, il-ġestjoni tad-dejn u l-obbligazzjonijiet l-oħra kollha tal-baġit tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex ttipprovdi, fil-ħin, aġġornamenti dwar il-fondi disponibbli għall-pagamenti tal-imgħax tal-EURI u għall-pagamenti tal-imgħax relatati mal-assistenza finanzjarja msemija fl-Artikolu 220a tar-Regolament Finanzjarju.

⁶ Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, il-Ħames Parti dwar il-Parteċipazzjoni fi Programmi tal-Unjoni, Ġestjoni Finanzjarja Tajba u Dispożizzjonijiet Finanzjarji u l-protokoll relatat (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14).

16. F'konformità mal-qbil dwar il-QFP rivedut 2021-2027, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex fil-baġit għall-2025 tipprovdi biżżejjed mezzi biex tikkontribwixxi biex tħares l-obbligu legali tal-Unjoni li tħallas fil-ħin u kompletament il-pagamenti tal-imgħax ta' Next Generation EU, bil-ħsieb li tissupplimenta, jekk meħtieġ, id-dispożizzjonijiet attwali fl-intestatura 2b. Għal dan l-għan ġie introdott mekkaniżmu ta' kaskata biex jiġi żgurat li l-ammonti meħtieġa jkunu disponibbli għall-ħlas tal-ispejjeż tal-imgħax u l-ħlasijiet tal-kupuni dovuti.
- F'konformità mal-punti 16 u 17 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Frar 2024 u l-Premessa 12 tar-Regolament emendat dwar il-QFP⁷, jekk l-ispiża tal-pagamenti tal-imgħax ta' Next Generation EU ma tkunx tista' titħallas mil-linja baġitarja eżistenti tal-EURI fl-intestatura 2b, ser jitfittex finanzjament biex ikopri parti sostanzjali tal-ammonti meħtieġa, kemm jista' jkun, bil-ħsieb li jiġi mobilizzat ammont ekwivalenti għal madwar 50 % tal-ispejjeż żejda tal-pagamenti tal-imgħax ta' Next Generation EU bħala parametru referenzjarju. Dan ser isir billi jittieħed minn marġini ta' manuvra maħluq mill-implimentazzjoni baġitarja tal-programmi u l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid, kif ukoll minn strumenti speċjali mhux tematiċi, f'konformità mar-regoli settorjali applikabbli u obbligi legali oħra. Il-pakketti nazzjonali tal-Istati Membri li jkunu ġew impenjati legalment mhux ser jiġu affettwati mir-riallokazzjonijiet u r-prijoritizzazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu. Jekk ikun meħtieġ aktar finanzjament, ser ikunu disponibbli riżorsi addizzjonali billi jiġi mobilizzat l-istrument EURI.
17. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet kollha biex jikkollaboraw b'mod effiċjenti u kostruttiv għal proċedura baġitarja mingħajr xkiel u għall-istabbiliment tal-baġit għall-2025 skont l-iskadenzi stabbiliti mit-TFUE. B'mod partikolari, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex taġixxi bħala medjatur imparzjali matul il-proċedura baġitarja kollha. Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' konċiljazzjoni, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex fi żmien xieraq tagħti aċċess għal abbozzi ta' elementi għal konklużjonijiet konġunti, li għandhom ikunu komprensivi u jkun fihom l-informazzjoni rilevanti kollha (b'mod partikolari dwar l-impenji u l-pagamenti).

⁷ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.02.2024).

18. Il-Kunsill itenni l-importanza kbira li jagħti lil dawn il-linji gwida u jistenna li l-Kummissjoni tiegħu kont debitu tagħhom fit-tnejn tal-abbozz tal-baġit għall-2025.
 19. Sabiex titqajjem kuxjenza, dawn il-linji gwida ser isiru disponibbli għall-Parlament Ewropew u għall-Kummissjoni, kif ukoll għall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra kollha tal-Unjoni.
-